MALTESE

dorevitch Pathology

A Symbion Health Limited company

SIEMENS

Incorporating Magstream Technology from: FUJIREBIO INC.

# NEW HEMTUBE(B)

## PROGRAMM NAZZJONALI TAL-ISKRINING TAL-KANĊER TAL-MUSRANA

## Struzzjonijiet biex tiġbor il-kampjun

### Dan it-test huwa faċli biex tagħmlu.

Jekk jogħġbok aqra mingħajr għaġla l-istruzzjonijiet u paġni 10-12 tal- Ktejjeb tat-Tagħrif qabel ma tiġbor il-kampjun tiegħek. Billi tiġbor il-kampjuni fl-iqsar ħin possibbli bejniethom, tistorjahom tajjeb u tibagħthom malajr għall-analisi tiżgura li r-riżultat tiegħek ikun kemm jista' jkun possibbli mingħajr żball.

### TIBDILX id-dieta jew il-mediċina tiegħek.

Għandek tieħu biss kampjun **żgħir**, tiċpisa biss fuq it-tarf tal-istikka għall-ġbir tal-kampjun. Dan għandu jsir minn **żewġ** episodji separati tal-ippurgar.

It-tieni kampnjun għandu jinġabar malajr kemm jista' jkun wara l-ewwel u preferibbilment mhux aktar minn 2-3 ijiem wara. Jekk tipporga aktar minn darba waħda kuljum, tista' tiġbor iż-żewġ kampjuni fl-istess ġurnata.

Il-kampjuni jintbagħtu f'laboratorju tal-patoloġija għall-analisi u ittra bir-riżultat tintbgħat lilek u lit-tabib tiegħek (jekk nominat).

### PREPARAZZJONI Il-pakkett tal-kampjun tiegħek għandu jkun fih:

1. Żewġ karti għall-ġbir tal-kampjun
2. Żewġ stikkijiet għall-ġbir tal-kampjuni (waħda blu u waħda ħamra) – f'borża tal-plastik li tingħalaq biż-żipp
3. Żewġ tubi żgħar għall-ġbir tal-kampjuni – f'borża tal-plastik li tingħalaq biż-żipp
4. Żewġ tikketti
5. Zewġ tubi kbar b'tapp bil-kamin għat-trasposrt
6. Invilops (blu) bil-posta mħallsa

**Il-pakkett tiegħek ta' l-invit** għandu jkollu fih **Formola blu bid-Dettalji tal-Parteċipant/a** (jew biċċa li tinqata' fil-qiegħ tal-ittra tiegħek ).

Jekk jogħġbok ara li d-dettalji fuq din il-formola huma korretti. **Imla din il-formola u ibagħatha mal-kampjuni tiegħek.**

### Tiġborx kampjuni jekk:

- Għandek murliti li jkun ħiereġ id-demm minnhom.
- Tkun matul jew fi żmien 3 ijiem qabel jew wara l-perijodu tal-mestrwazzjoni .
- Ikun hemm id-demm fl-awrina tiegħek jew ikun jidher id-demm fit-tojlit – f'dan il-każ int għandek tikkuntattja lit-tabib tiegħek.
- Kellek problema fl-imsaren matul l-aħħar 12-il xahar li għadha qed tkun ikkurata – jekk mintix ċert/a kellem lit-tabib tiegħek.
- Se tagħmel test bit-teleskopju (colonoscopy) fil-futur qrib.

Specialist Diagnostic Services Pty Ltd, ABN 84 007 190 043 APA, trading as Dorevitch Pathology.

**Għall-għajnuna biex tagħmel it-test, jekk jogħġbok ċempel 1300 738 365 (bi ħlas ta' telefonata lokali) bejn id-9am u l-5pm (AEST) mit-Tnejn sal-Ġimgħa.**

# ĠBIR TAL-KAMPJUNI

## Ġbir tal-ewwel kampjun

1. **Agħmel l-awrina u mbagħad ifflaxxja t-tojlit.**
2. **Poġġi l-karta għall-ġbir, <u>bin-naħa stampata tħares 'il fuq</u>, fuq wiċċ l-ilma fil-vaska tat-tojlit.** Il-karta għall-ġbir tinħall fi żmien ħames minuti minn meta tmiss mal-likwidu.
3. **Ipporga fuq il-karta** – tħabbilx rasek jekk tegħreq – mhux ser ikun affettwat it-test.
4. **Aqbad l-istikka għall-ġbir tal-kampjun, daħħal il-ponta fl-ippurgar u kaxkru (imsħu) matul l-ippurgar kollu għal tliet darbiet, ara l-istampa ➡**
**Tista' tuża l-istikka blu jew ħamra għall-ewwel kampjun.**

   Dan huwa kulma għandek tagħmel biex tiġbor l-kwantità żgħira tal-kampjun li hemm bżonn għat-test – jekk il-kampjun ikun aktar milli hemm bżonn, dan ikun ifisser li t-test ma jkunx jista' jsir.



5. **Imbotta l-ponta tal-istikka għall-ġbir tal-kampjun fit-toqba tat-tubu għall-ġbir tal-kampjun, imbotta sakemm jikklikkja.**

   **TOĦROĠX l-**istikka għall-ġbir tal-kampjun wara li tkun daħħaltha.



*Daħħal l-istikka tal-kampjun fit-tubu żgħir tal-kampjun tal-kampjun.*



*Ibqa' imbotta l-istikka fit-tubu sakemm jikklikkja.*

**Għall-għajnuna biex tagħmel it-test, jekk jogħġbok ċempel 1300 738 365 (bi ħlas ta' telefonata lokali) bejn id-9am u l-5pm (AEST) mit-Tnejn sal-Ġimgħa.**

6. **Ikteb id-dettalji tiegħek u d-data fuq it-tikketta fejn hu indikat imbagħad waħħalha mat-tubu tal-kampjun kif inhu muri.**



*It-tikketta għandu jkollha l-kunjom, l-isem id-data tat-twelid u d-data tal-kampjun.*



*Dawwar it-tikketta madwar it-tubu tal-kampjun MHUX mat-tubu tat-trasport.*

7. **Poġġi t-tubu tal-kampjun f'wieħed mit-tubi l-kbar tat-trasport bit-tapp tal-kamin u mbagħad poġġih fil-borża tal-plastik li tingħalaq biż-żipp . TNEĦĦIX** it-tajjar mit-tubu.
8. **Poġġi l-borża tal-plastik li tingħalaq biż-żip fl-invilops blu bil-posta mħallsa u storjah fl-iktar parti friska ta' darek. Il-friġġ joffri l-iktar kundizzjonijiet stabbli biex tistorja l-kampjun tiegħek u jagħti l-iktar riżultat eżatt, iżda TIFRIŻAHX.**



*Kampjun li nġabar kif suppost qed jitpoġġa f'tubutat-trasport.*

***Ftakar, li t-tieni kampnjun għandu jinġabar malajr kemm jista' jkun wara l-ewwel u preferibbilment mhux aktar minn 2-3 ijiem wara.*** *Jekk tipporga aktar minn darba waħda kuljum, tista' tiġbor iż-żewġ kampjuni fl-istess ġurnata.*

## Il-Ġbir tat-tieni kampjun

**Irrepeti l-passi 1 - 7, billi tuża t-tieni stikka għall-ġbir tal-kampjun, it-tubu għall-ġbir u t-tikketta.**

**Poġġi t-tieni kampjun fil-borża tal-plastic li tingħalaq biż-żipp (fl-invilops blu bil-posta mħallsa) u storjah fl-iktar parti friska ta' darek sakemm tkun tista timpustah.** L-aħjar huwa li jkun impustat fl-istess jum li jinġabar it-tieni kampjun.



[1] L-aħjar bejn 2 - 10 gradi Ċ

**Għall-għajnuna biex tagħmel it-test, jekk jogħġbok ċempel 1300 738 365 (bi ħlas ta' telefonata lokali) bejn id-9am u l-5pm (AEST) mit-Tnejn sal-Ġimgħa.**

# QABEL MA JKUNU MPUSTATI L-KAMPJUNI

1. **IMLA l-Formola blu tad-Dettalji tal-Parteċipant/a**, **IFFIRMHA,** u **IKTEB ID-DATA**.

   (Nota: Jekk dan il-pakkett huwa flok l-ewwel wieħed, jekk jogħġbok imla u ibgħat mal-kampjuni tiegħek il-parti li titqasqas minn qiegħ l-ittra tiegħek).

2. Ara li:

- [ ] tkun dawwart b'tikketta kull tubu żgħir għall-ġbir tal-kampjun li jkun fiha ismek, id-data tat-twelid tiegħek u d-data tal-kampjun tiegħek;
- [ ] poġġejt kull tubu żgħir għall-ġbir tal-kampjun fit-tubu akbar tat-trasport bl-għatu tal-kamin;
- [ ] poġġejt iż-żewġ tubi tat-trasport bl-għatu tal-kamin **(li jkun fihom it-tubi żgħar tal-ġbir tal-kampjuni)** fil-borża tal-plastik li tingħalaq biż-żipp;
- [ ] poġġejt il-borża tal-plastik li tingħalaq biż-żipp fl-invilops bil-posta mħallsa;
- [ ] poġġejt il-Formola mimlija **tad-Dettalji tal-Parteċipant/a** fl-invilops blu bil-posta mħallsa; (Nota: Jekk dan huwa pakkett minflok l-oriġinal ibgħat il-parti li titqasqas minnqiegħ l-ittra tiegħek).
- [ ] issiġġilajt l-invilops bil-posta mħallsa;
- [ ] ktibt **l-Isem** u **l-Indirizz ta' Min Bagħatu** fuq l-invilops bil-posta mħallsa fejn hu indikat; u
- [ ] iffirmajt **id-Dikjarazzjoni** fuq in-naħa ta' **quddiem** tal-invilops bil-posta mħallsa.

# TIMPOSTA L-KAMPJUNI

Imposta l-invilops blu bil-posta mħallsa malajr kemm jista' jkun (preferibbilment fl-istess jum li tkun ġbart it-tieni kampjun). Meta possibbli, ħu l-invilops bil-posta mħallsa f' uffiċċju tal-Australia Post jew itfgħu fil-kaxxa tal-ittri li tkun fl-uffiċċju (aħjar milli tuża kaxxa tal-ittri ta' barra).

**Jekk jogħġbok agħmel żgur li żżom il-kampjuni tiegħek fil-frisk kemm jista' jkun (l-aħjar taħt it-30 grad Ċ) u mhux direttament taħt id-dawl tax-xemx sakemm tieħdu l-uffiċċju ta' Australia Post jew sal-kaxxa tal-ittri.**

# GĦALL-GĦAJNUNA

Għall-għajnuna biex tagħmel it-test ċempel il-Linja għall-Għajnuna dwar il-FOBT (FOBT Helpline) fuq **1300 738 365** bejn id-9.00am u l-5.00pm (AEST) mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

**Tista' tuża s-Servizz tat-Traduzzjoni u l-Interpretar (TIS)** billi ċċempel **13 14 50.**

Traduzzjonijiet tal-Istruzzjonijiet jinstabu:

- fuq il-websajt tal-Programm Nazzjonali tal-Iskrining għall-Kanċer fil-Musrana (National Bowel Cancer Screening Program):

  www.cancerscreening.gov.au/internet/screening/publishing.nsf/Content/multilingual-information-1

jew

- billi ċċempel lill-Uffiċjal tal-Komunikazzjoni (Communications Officer) fuq **1300 738 365**.

Product Code No. 231418

FOBT001 Version No. 2009-10

**Għall-għajnuna biex tagħmel it-test, jekk jogħġbok ċempel 1300 738 365 (bi ħlas ta' telefonata lokali) bejn id-9am u l-5pm (AEST) mit-Tnejn sal-Ġimgħa.**